IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8 - L-ERBGĦA 22 TA' JANNAR 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17.55.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċjal Eżekuttiv |
| | Romina Perici Ferrante | Accountant (telqet fis-6.20pm) |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-*internet* kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook*.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa lill-Kunsill li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand il-Viċi Sindku u mingħand il-Kunsiller Cuomo fejn talbu li jiġu skużati minn din il-laqgħa.

1.2 Il-Kunsill qabel li għandu jqis ir-raġunijiet mgħotija bħala ġustifikati u għalhekk dawn ġew meqjusa bħala skużati.

**2. TIBDIL FL-ORDNI TAL-LAQGĦA**

2.1 Il-Kunsill qabel li jbiddel l-ordni tal-aġenda u għalhekk il-laqgħa pproċediet kif indikat f'dan il-minuti.

**3. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

3.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċidenti.

3.2 Il-minuti ġew approvati wara proposta mis-Sindku, issekondata mill-Kunsillier Abela. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 4. RAPPORT FINANZJARJU ANNWALI

4.1 L-Accountant tal-Kunsill ippreżentat ir-rapport finanzjajrju għas-sena 2019. Kopja tiegħu kien intbagħat lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa.

4.2 Hija spjegat ir-rapport li kien jindika qagħda finanzjarja tajba ħafna. Spjegat ukoll li, wara li ssir il-verifika mill-awdituri, jista' jkun hemm xi aġġustamenti żgħar, xi ħaġa li hija normali wara tali verifika.

4.3 Il-Kunsill approva r-rapport kif ippreżentat.

## 5. BAGIT 2020

5.1 Is-SE ippreżenta l-baġit għas-sena 2020 fil-preżenza tal-accountant. L-accountant spjegat li jista' jkun hemm xi aġġustamenti jekk il-Kunsill ikun jixtieq.

5.2 Il-Kunsill qabel mal-baġit fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

6.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

6.2 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li ġnien Santa Marija tal-Anġli f'Baħar iċ-Ċagħaq għadu fi stat ta' abbandun minħabba li l-manutenzjoni li kellha ssir fuqu minn naħa tal-gvern ċentrali baqgħat ma' saritx.

6.3 Il-Kunsill qabel li jiddiskuti dan il-każ f'aktar dettalli fil-laqgħa li jmiss.

## 7. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

7.1 Is-Sindku pprezentat il-kommunikazzjoni tagħha kif ġej;

7.2 Is-Sindku awgurat is-Sena t-tajba lill-Kunsillieri kollha minħabba li din kienet l-ewwel laqgħa tas-sena.

7.3 Is-Sindku fakkret li fil-21 u 22 ta' Diċembru saret l-attivtà Milied Malti. Is-Sibt fil-21 kienet ta' suċċess kbir b' ammont kbir ta' nies jattendu għal din l-attività. Sfortunatament il-Ħadd, wara li bdiet u kienet sejra tajjeb ħafna, qabdet ix-xita u l-attivtà kellha titwaqqaf. Hija rrimarkat kemm kienet tajba d-deċiżjoni tal-Kunsill li l-attività ssir fuq jumejn għaliex għall-inqas ħafna mix-xogħol li sar seta' jitgawda.

7.4 Is-Sibt 21 ta' Diċembru, is-Sindku ġiet ippreżentata b'gear tal-futboll ta' Naxxar Lions, li jfakkar il-mitt anniversarju tal-klabb, mill-president Pierre Sciberras.

7.5 Fuq l-istess nota ta' l-attività hija fakkret li għal din l-attività kienu preżenti is-Sindku u l-Viċi Sindku ta' Strumyani, l-Bulgaria. Ovvjament kienu preżenti biss għall-ewwel serata minħabba li fit-tieni jum kellha titwaqqaf minħabba l-maltemp.

7.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li s-Sindku ta' Strumyani ppreżenta kotba bil-Bulgaru għal-libreriji tal-iskola primarja u l-induction hub. Hija talbet lill-Kunsill biex jekk u meta il-Kunsill ikun mistieden fil-Bulgarija nirranġa biex inġib sponsors biex nirreċiprokaw b'kotba bl-Ingliż. Il-Kunsill qabel.

7.7 Is-Sindku infurmant lill-Kunsill li fl-14 ta' Jannar kellha l-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana. F'din il-laqgħa ġew diskussa numru ta' punti li hija qasmet mal-Kunsill;

7.7.1 Ser jingħataw żewġ CCTV Cameras lil kull lokalità. Dawn se jkunu qed jiġu segwiti mill-LESA. il-Kunsill identifika li dawn għandhom ikunu mal-Bring in Sites.

7.7.2 Fl-aħħar ta Ġunju huwa pjanat li jsir Street Sports Festival fuq tlett ijiem. Din se ssir f'Pembroke iżda hemm il-pjan li tibqa' ssir. Din se tiswa EUR37,800 u tinkludi wkoll sponsors. Il-Kunsill talab għall-aktar informazzjoni.

7.7.3 Il-Kunsill intalab jikonferma żewġ sezzjonijiet mill-kontenut tal-ktieb li se jkun qed jiġi ppublikat mir-Reġjun Tramuntana. Is-Sindku infumat li l-amministrazzjoni diġà ħadet il-passi biex tiċċekkja l-kontenut bl-għajnuna tas-Sur Paul Catania.

7.7.4 F'Mejju se tiġi organizzata attività bil-baned u n-nar. Din diġa ġiet aċċettata mil-AKL.

7.7.5 Se tiġi organizzita attività għall-anzjani. Dawn se jmorru jaraw matine show "Alice in Wonderland" ġewwa r-Rabat Malta.

7.7.6 Se jsir Local Cultural Tour ġewwa San Mark ir-Rabat u se jkun jinkludi bibita.

7.7.7 Is-Sindku fakkret li r-Reġjun qed joffri l-possibiltà ta' servizzi klerikali permezz ta' żewġ impjagati (waħda skala 13 u oħra skala 15) biex jgħinnu lil dawk il-Kunsilli Lokali fir-reġjun li jkollhom perjodi ta' nuqqas ta' staff. Dan jinkludi anki s-Sibtijiet. Il-Kunsill jkunu mitluba ħlas skont ir-rata tal-ħlas tagħhom.

7.7.8 Is-Sindku fakkret li se jsir kors ta' 12-il siegħa dwar mental first aid. Dan huwa miftuħ għall-istaff u l-Kunsilliera.

7.7.9 Se jkun organizzat First Aid Course li aktar dettalji se jitwasslu l-quddiem.

7.7.10 Se ssir laqgħa mal-iscouts biex jiġu diskussa attvitajiet li jistgħu isiru.

7.7.11 r-Reġjun qed joffri li jagħti Eur30.00 għall-kull skola li hawn fil-lokalità biex jinxtraw il-kotba għall-prize day. Dan bil-kundizzjoni li l-President ikun preżenti biex jagħti aktar tagħrif dwar ir-reġjun lir-residenti.

7.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa ma' Miss Naxxar nhar il-15 ta' Jannar.

7.9 Is-Sindku ferħet lill-ex-Kunsillier Clifford Galea għall-ktieb tiegħu "Nifs li Kważi Kissirni." Minħabba l-ġid kbir li ktieb bħal dan jista' jagħmel lis-soċjetà Hija talbet lill-Kunsill biex japprova kull għajnuna possibli, dejjem skont ir-regoli, biex nippromwovu dan il-ktieb. Il-Kunsill qabel.

7.10 Il-Ġimgħa 17 ta' Jannar kellha laqgħa ma' numru ta' residenti minn Triq il-Għargħur (il-parti ta' quddiem il-Golden Care home) minħabba numru ta' problemi li qed jiffaċċjaw. Fosthom u b'mod prinċipali hemm il-problema ta' nuqqas ta' parking. Talbu wkoll bankina ġdida u litter bins fost

diskussjonijiet oħrajn. Hija nfurmat lill-Kunsill li s-SE diġà għamel spezzjoni fuq il-post u qed ilestili rapport bid-dettalji u rakkomandazzjonijiet.

7.11 Is-Sibt 18 ta' Jannar saret l-ikla tal-anzjani li kienet suċċess kbir. Is-Sindku rringrazzjat lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillieri Marlon Brincat, Mark Deguara, Joe Spiteri, Noel Gatt u Ivan Gaffiero li attendew u taw daqqa t'id sew fit-tqassim tal-ikel u l-kordinazzjoni. Hija rringarzzjat ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv li ġie fil-ħin tiegħu biex jieħu r-ritratti u wkoll lis-SE u l-istaff tiegħu, inkluż il-handymen, għall-kordinazzjoni meħtieġa biex setgħet issir l-attività. Finalment irrigrazzjat lill-Arċipriet, il-kok u l-helpers l-oħra.

7.12 Is-Sindku fakkret li l-permessi neċessarji għall-Ġnien il-Ħamrija ħarġu u x-xogħol beda fil-21 ta' Jannar. Issa l-amministrazzjoni bdiet il-proċess biex toħroġ sejħa għal-light fittings u kif ilesti l-ispeċifikazzjonijiet il-Perit, toħroġ sejħa għall-fencing. Sadanittant, issa li hemm il-permessi kollha, l-ammnistrazzjoni qed tħejji l-applikazzjoni għall-finanzjament mill-fond tal-Urban Improvement Fund tal-PA.

7.13 Is-Sindku fakkret ukoll li l-applikazzjoni għar-restawr tal-Kappella ta' San Ġakbu ġiet milqgħuha. Ix-xogħol se jsir mid-Direttorat tar-Restawr u spejjeż relatati ma' permessi eċċetra jsiru mill-Kunsill.

7.14 Dwar ir-restawr tal-mitħna, is-Sindku infurmat li l-proċess qiegħed jaqbad ritmu tajjeb, saru l-preparamenti meħtieġa, il-Kunsill, qabbad lil min jikkontrolla u jiċċertifika li m'hemmx periklu minn ġrieden għall-ħaddiema, naddaf mad-dawra tal-mitħna biex ikun jista' jintrama l-iscaffolding fuq in-naħa t'isfel, sar scaffolding fin-naħa ta' fuq u allura x-xogħol se jkun qiegħed jaqbad ritmu mgħaġġel fil-jiem li ġejjin. Il-Perit flimkien mal-Amministrazzjoni qed isejħu laqgħa fil-ġimgħa mal-kuntrattur biex jaċċertaw ruħhom mill-progress.

7.15 Dwar l-Outdoor Gym, is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ninsabu fil-proċess tal-applikazzjoni. Kien hemm xi oġġezzjonijiet min-naħa ta' TM li iżda bi ftit aġġustamenti fil-pjanti mill-Perit, jidher li b'mod imminenti se jkunu qed jagħtu l-approvazzjoni tagħhom. Kif ikollu dan f'idejh il-Perit jgħaddihom lill-PA u skont l-informazzjoni li għandi l-permessi ma jdumux ma' joħorġu biex ix-xogħol ikun jista' jibda fi ftit ġimgħat oħra.

7.16 Wara ħafna taħbit mill-amministrazzjoni sakemm instab kuntrattur, sar ix-xogħol ta' mmarkar ta' sinjali fi Triq il-Qoton fejn Villa Mdina biex jidderieġi t-traffiku aħjar. Jidher li dan ix-xogħol qed iħalli r-riżultati tajba u t-traffiku qed jiġi dirett aħjar. Irrid ngħid li x-xogħol sar fuq disinn tas-Segretarju Eżekuttiv. Dan ix-xogħol sar fl-10 ta' Jannar. Permezz tal-istess kuntrattur żdiedu parkeġġi fi Triq is-Sgħoda u fi Pjazza n-Nutar Ġużeppi Spiteri li għad irid ikun finalizzat.

7.17 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-patching ma' Dimbros mhux biss dahal fis-seħħ iżda fit-28 ta' Novembru beda jitwettaq l-ewwel xogħol.

7.18 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva proposta biex individwi li bħala sentenza tal-Qorti jkunu ordnati li jagħmlu numru ta' siegħat ta' xogħol fil-komunità ikunu jistgħu jiġu assenjati mall-Kunsill tan-Naxxar. Il-Kunsill qabel u għalekk is-Segretarju Eżekuttiv se jipproċedi.

7.19 Is-Sindku infumat li mil-lum bdiet sistema ta' streaming ġdid tal-laqgħa tal-Kunsill sabiex l-istream ikun jista' jitwassal fuq tipi differenti ta' apparat u skont software aktar modern. Issa wkoll kull laqgħa se jkun qed tiġi

rreġistrata u miżmuma fuq il-portal tal-Kunsilli Lokali biex persuni jkunu jistgħu jaraw il-laqgħat passati b'mod faċli.

7.20 Is-Sindku ferħet lill-amministrazzjoni għal inizjattiva li ħadu minn jeddhom biex binja ġdida li tikkonsisti minn 105 appartamenti, twasslitilhom ittra ta' merħba lil dawn ir-residenti ġodda filwaqt li tappellalhom biex jimxu mar-regoli stabbiliti speċjalment fuq ġbir ta' skart. Hija talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex jgħaddi kopja lill-Kunsillieri kollha.

7.21 Is-Sindku fakkret li mill-inizjattiva tal-ġbir tal-ikel tal-qtates, inġabar ammont sabieħ ta' ikel. Hija se tkun qegħda tikkordina mall-kunsillier responsabbli biex tinsab data biex ikun ippreżentat.

7.22 Is-Sindku għalqet din il-korrispondenza b'kumment dwar dak li ġara it-Tnejn ta' qabel minħabba li ħasset li wieħed mil-Kunsill aġixxa b'mod anetiku għall-aħħar. Hija saħqet fuq tim u l-importanza li nkunu magħqudin. Fakkret li hi hekk titkellem u hekk tippriedka u hekk ukoll jitkellmu l-Kunsillieri kollha, inkluż il- Viċi sindku. Fuq din dejjem kien hemm qbil. Iżda ma jistax ikun li għaliex ma jkunx hemm qbil wieħed juri l-għadab b'mod pubbliku fuq is-social media. Bħala tim il-Kunsill irid ikun flimkien fit-tajjeb u fil-ħażin; anki li kieku kellu jsir żball, ma jiġix attakat it-tim. Wara kollox meta xi ħaġa tmur tajjeb kulħadd jieħu gost juri li hu parti mit-tim. Bl-istess mod però anki li kieku jsir żball, it-tim irid jibqa' magħqud u ma jiġix attakat. Bħala umani nagħmlu t-tajjeb u xi drabi nistgħu niżbaljaw jew nagħmlu l-affarijiet aħjar, wara kollox min ma jagħmel xejn ma jiżbaljax. Hija kkonkludiet li tittama li dan il-messaġġ ttieħed biex ikompli s-suċċess għall-benefiċċji tar-residenti kollha tagħna.

7.23 Il-Kunsillier Brincat ġibed l-attenzjoni biex posts fuq Social Media tal-Kunsill noqgħodu attenti x'niktbu għaliex xi drabi jagħmel aktar ħsara milli ġid.

## 8. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

8.1 Il-Kunsillier Spiteri staqsa, permezz ta' email qabel il-laqgħa tal-Kunsill, jekk jistax jgħaddilu l-lista tal-persuni kollha li ħadu Ġieħ in-Naxxar minn meta beda' jingħata.

8.2 Is-SE ippreżenta l-lista u informa li kopja tar-risposta kienet intbagħatet lill-Kunsillieri kollha permezz tal-imejl.

## 9. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

9.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti, l-iskeda ta' dħul, l-iskeda ta' ordnijiet u l-infieq mill-petty cash. Dan sar fuq proposta tal-Kunsillier Brincat u ssekondat mill-Kunsillier Gatt.

9.2 Is-SE talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jintroduċi sistema li tibgħat sms lir-residenti meta jsir appuntament tal-bulky refuse. Din ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsillier Abela ssekondat mill-Kunsillier Gaffiero.responsabbiltajiet tal-kunsillieri

9.3 Is-Sindku talbet rapport mingħand il-kunsillieri rigward l-affarijiet li ħadmu fuqhom mill-bidu tal-leġislatura u anke dwar il-pjan ta' xogħlijiet li għad irridu jsiru.

## 10. RAPPORTI TA' EVALWAZZJONI TA' OFFERTI

10.1 Is-SE ressaq ir-rapporti ta' evalwazzjoni tal-offerti għas-servizz tal-hanyperson u għal xogħol ta' kanali għas-servizzi quddiem il-mitħna.

10.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti fuq proposta tal-Kunsillier Mark Deguara u ssekondat mill-Kunsillier Gaffiero.

## 11. RAPPORT MIS-SOTTOKUMIAT TAT-TALBIET U LMENTI

11.1 Is-SE ressaq ir-rapport mis-sottokumitat Talbiet u Lmenti. Dan ġie meqjus moqri.

11.2 Il-Kunsill qabel mar-rapport iżda ħass il-ħtieġa li jiddiskuti punt nr. 9459 (sqaq 2 Pjazza Vittorja) f'aktar dettall.

11.3 Wara diskussjoni dettaljata l-Kunsill iddeċieda li l-bollard li hemm bħalissa tibqa' kif inhi (mhux imsakkra), isiru double yellow lines u tabelli tan-No parking fl-isqaq kif mitlub minn TM u ssir un/loading bay quddiem l-isqaq b'ħinijiet stipulati. Din il-bay issir parkeġġ għall-vetturi wara l-ħin tal-un/loading. Ppropna l-Kunsillier Brincat sekondat mill-Kunsillier Abela.

## 12. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

12.1 Is-SE ressaq ir-rapport mill-Kumitat tal-Finanzi.

12.2 Il-Kunsill approva r-rapport imressaq lilu, fuq propsta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

## 13. RAPPORT DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUNSILLIERA

13.1 Is-Sindku fakkret llill-kunsillier biex min għadu ma' bgħatx ir-rapport tiegħu, jagħmel dan mill-aktar fis. Dan sabiex kif jaslu r-rapporti kollha tkun tista' tiddiskutihom fid-dettall.

13.2 Dan is-suġġett għandu jkun inkluż fl-aġenda li jmiss.

## 14. PROGRAMM TA' TRAQQIEGĦ MAĠĠURI

14.1 Is-SE fakkar li biex ikun jista' jibda bi programm ta' xogħlijiet ta' toroq maġġuri, kien jeħtieġ l-għajnuna tal-Kunsillieri. Huwa fakkar ukoll li kien ħoloq sistema sempliċi biex il-Kunsillieri jkunu jistgħu idaħħlu dawk it-toroq li jaħsbu li għandu jsir fihom traqqiegħ maġġuri.

14.2 Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss jiddiskuti kif se jipprijoritizza dan ix-xogħol.

## 15. APPLIKAZZJONI GĦAL ŻVILUPP PC 111/18

15.1 Il-Kunsillier Mark Deguara ħareġ mil-laqgħa minħabba li jista' jkun li għandu kunflitt ta' interess. Il-Ħin kien 7.52pm.

15.2 Is-Sindku ppreżentat mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Brincat. (Annessa)

15.3 Il-Kunsill approva l-mozzjoni nem con.

15.4 Il-Kunsillier Deguara daħal lura fil-laqgħa.

15.5 reviżjoni tal-kategoriji / regolamenti ta' ġieħ in-naxxar

15.6 Is-SE fakkar fix-xewqa tal-Kunsill li jkun hemm reviżjoni tar-regolamenti dwar Ġieħ in-Naxxar u r-rikonoxximenti.

15.7 Is-Sindku pproponiet li jkun iffurmat sottokumitat dwar dan.

15.8 Il-Kunsill qabel li fuq dan il-kumitat ikun hemm żewġ rappreżentanti minn kull partit (inkluż is-Sindku) u persuna indipendenti.

**16. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA GĦALL-LAQGĦA LI JMISS**

16.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-8.05pm

16.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 26 ta' Frar fis-5.45pm.

(IFFIRMATI)

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**

**SINDKU**

(IFFIRMATI)

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY),**

**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

## RIŻOLUZZJONI DWAR L-APPLIKAZZJONI PC 111/18

Is-Sindku tinforma lill-Kunsill filwaqt li tipproponi:

- Dwar l-applikazzjoni għall-iżvilupp PC 111/18 kelli laqgħa mad-developers. Dan għamiltu għaliex smajt sewwa x'kellha tgħid parti u għalhekk ridt nisma l-qampiena l-oħra.
- Fid-dawl ta' dan nipproponi li fir-rigward ta' din l-applikazzjoni, il-Kunsill jgħaddi kummenti lill-Awtorità tal-Ippjanar li jkunu jinkludu dak li jgħidulna l-konsulenti tagħna à bażi tal-Policies preżenti, u jekk ma jissemmewx f'dawn il-kummenti tagħhom, inżidu magħhom kummenti addizzjonali kif ġejjin;
    1. Biex jaħsbu fuq il-fatt li gaħndhom jaċċertaw l-inqas impatt possibbli fuq it-traffiku u l-parkeġġ.
    2. Biex il-barumbara u ż-żona ta' madwarha tiġi ppreservata.
    3. Biex il-proġett tal-iżvilupp tal-bini jkun ippjanat u ppreżentat mill-propjetarji b'mod ħolistiku u ċoè bħala blokka bini waħda bil-possibiltà li l-barumbara tkun feature tal-iżvilupp kollu.
    4. Possibilment taħt l-iżvilupp isir parkeġġ taħt l-art.
    5. Nitlobu l-PA biex jinjoraw u jneħħu kompletament rappreżentazzjonijiet tal-perit Robinson minħabba li b'mod l-iktar anetiku qabad u bagħat tmenin paġna korrispondenza mal-Kunsill li ħafna minnha m'hiex intiża għall-użu pubbliku.